MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2001

It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrent Dottor Cefai li jghid hekk:

Jesponi bir-rispett:-

"Illi l-esponent ressaq ilment quddiem dan l-Onorabbli Tribunal permezz ta' rikors regolari sabiex tigi investigata ingustizzja kommessa mill-intimati jew min minnhom fil-konfront tar-rikorrent, u dan ai termini ta' l-Att numru VIII ta' l-1997.

Illi bazikament, l-ilment kien li meta gie biex jigi fformulat Pjan ta' Struttura, l-awtoritajiet stiednu lil kull min jista' jkun interessat jaghti l-kontribuzzjoni tieghu dwar policies dwar liema artijiet ghandhom jigu disenjati ghal zvilupp edilizju; gara li propjeta' ta' terzi identika ghal tar-rikorrent

giet destinata fil-Pjan fil-waqt li dik tar-rikorrent ma gietx, bil-konsegwenza li t-terzi gew f'pozizzjoni li japplikaw ghal permessi ta' bini u r-rikorrent ma setax japplika ghal permessi bl-istess manjiera.

Illi r-rikorrent intavola numru rikorsi ohra quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u jista' jaghti l-kaz li fit-trattazzjoni ta' dawn il-kawzi saret konfuzjoni bejn il-pozizzjoni legali ta' rikors partikolari mal-pozizzjoni legali ta' rikors iehor jew ohra.

Illi wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-entita' intimata fir-rikors odjern kienet tirreferi ghall-ewwel talba minn tliet talbiet u inghad li **"l-ewwel talba tar-rikorrent ma specifikatx ghal liema permess qed jirreferi,"** izda ma saret ebda eccezzjoni ta' nullita' jew ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni.

Illi f'seduta tal-11 ta' Jannar 2000, waqt li kienu qed jigu trattati numru ta' rikorsi tar-rikorrent esponent, tqajjmet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni, li fil-fatt mhix wahda mill-eccezzjonijiet f'dan ir-rikors, izda jidher li bi zvista dak li ntqal dwar din l-eccezzjoni ddahhal fil-verbal ta' din il-kawza wkoll.

Illi permezz ta' nota tas-17 ta' Jannar 2000 (fol. 11 tal-process) l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru ta' l-Ambjent korrettement irtiraw il-kontenut ta' dak il-verbal, fil-waqt b'nota tad-19 ta' Jannar 2000 l-Awtorita' ta' l-Ippjanar (fol.12) iddikjarat li mhix tinsisti fuq l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni (liema eccezzjoni ma tqajjmitx fir-rikors odjern).

Illi fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Mejju 2000 l-Awtorita' insistiet fuq l-eccezzjoni taghha li r-rikorrent ma specifikax ghal liema permess qed jirreferi, u dwar dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jissottomettu noti sabiex il-kawza tmur ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari;

Illi l-Awtorita ta' l-Ippjanar intavolat numru ta' noti identici relatati man-numru ta' rikorsi rispettivi ta' l-esponent odjern, u fin-nota tar-rikors odjern inghad li kienet qed tigi

trattata l-"**eccezzjoni preliminari li r-rikors bin-numru 1031/97 li dan ir-rikors hu null u invalidu billi hu wiehed generiku u ma jaghmel riferenza ghall-ebda applikazzjoni ghal hrug ta' permess partikolari,"** meta fil-fatt f'dan ir-rikors qatt ma kien hemm eccezzjoni espressa ta' nullita' u invalidita' izda sempliciment li f'wahda mit-talbiet tar-rikorrent ma kienx hemm indikat xi permess partikolari. Naturlament l-esponent fin-nota responsiva tieghu irrisponda fuq dan il-punt ta' ligi.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal ghadda ghad-decizjoni u b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2001 dan it-Tribunal iddecieda li '**Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li l-ilment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae.* Jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez kontra r-rikorrent.'** Illi l-esponent hassu aggravat b'din is-sentenza ghaliex huwa car u manifest li din id-decizzjoni giet ibbazata fuq applikazzjoni ta' ligi li ma kenitx applikabbli, liema zball jaghti lok ghal **ritrattazzjoni a bazi ta' artikolu 811 subinciz (e) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12) li jawtorizza ritrattazzjoni f'kaz li s-sentenza li minnha tintalab ritrattazzjoni tkun applikat il-ligi hazin.** Dwar dan issir referenza ghall-kawza ta' ritrattazzjoni deciza minn dan l-Onorabbli Tribunal fit-30 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet Austin Borg vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati (Rikors numru 1259/2000).
Illi l-applikazzjoni hazina tal-ligi avverat ruhha fi tliet istanzi fis-sentenza li minnha hawn qed tintalab ritrattazzjoni.

**A.** Illi fl-ewwel lok, dan l-Onorabbli Tribunal ghadda biex jiddeciedi fuq il-gurisdizzjoni o meno ta' dan it-Tribunal, meta s-sentenza kellha tinghata biss fuq punt preliminari li l-esponent ma indikax permess partikolari f' wahda mit-tliet talbiet tieghu. Dwar dan il-punt l-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar ippretendiet, ta' l-inqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u mhux fir-risposta originali taghha, li dak in-nuqqas kellu jirrendi r-rikors promotorju kollu kemm hu null u invalidu. **L-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni giet irtirata mill-intimati kollha u dwar dan ma seta' qatt ikun hemm ekwivocita' minhabba n-noti prezentati mill-istess intimati f'dan is-sens.** Mela

d-decizzjoni kellha tkun biss dwar jekk il-fatt li l-esponent ma identifikax permess partikolari li jikkostitwix nullita' assoluta tal-procedura. Jekk it-Tribunal deherlu li **minkejja r-rinunzji** ghall-eccezzjoni ta' inkompetenza huwa xorta kellu jiddeciedi fuq dan *ex officio,* dan zgur li qatt ma seta' sar fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2001 li, bhal ma juru l-verbali u n-noti tal-kawza, din is-sentenza kellha tkun biss dwar il-konsegwenza tal-fatt li l-esponent ma indikax permessi partikolari. **Ghalhekk fl-ewwel lok dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tieghu applika l-ligi relatata mal-kompetenza meta fil-fatt huwa kellu jiddeciedi bl-applikazzjoni tal-ligi relatata mal-validita' u nullita'.**

**B.** Illi, fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, fir-igward tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal jigi sottomess li din hija radikata fuq artikolu 6 subinciz (1)(d)ta' l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li jghid li

It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin-
(d) licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi;

Illi r-rekwiziti stabbiliti li jiddeterminaw jekk ilment jaqax taht il-kappa ta' l-Att in kwistjoni huma erbgha u cioe (1) tigi kwalifikata l-ingustizzja fis-sens ta' hijiex kwistjoni ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, u f'dan il-kaz gie stabbilit li kien hemm distinzjoni, (2) li jinghad dwar xiex, u f'dan il-kaz gie stabbilit li qed nitkellmu fuq nuqqas ta' hrug ta' permessi, (3) li dan l-ilment ikun kopert bil-gurisdizzjoni kif kwalifikata ta' artikolu 6 imsemmi, u f'dan il-kaz hemm is-subinciz (1)(d) li propju jitkellem fuq licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi, u (4) li l-ilment jirrigwarda ingustizzja li saret bejn Mejju 1987 u Mejju 1995, u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

Illi l-ilment tar-rikorrent hu li l-Awtorita' intimata fasslet policies ta' zvilupp, b'liema policies terzi gew f'pozizzjoni li setghu japplikaw ghal permessi relattivi; l-esponent talab li jsiru policies dwar zvilupp li jilhaq il-propjeta' tieghu, u dan ma giex akkordat, **bil-konsegwenza logika li l-esponent ma setghax japplia ghall- hrug ta' permessi tal-bini li huma permessi mehtiega bil-ligi.** Dan hu kaz fejn ghalkemm ir-rikorrent mhux necessarjament applika ghall-hrug ta' xi permess specifiku xorta wahda wera bic-car l-intenzjoni tieghu li jkun hemm policies li jippermettulu jizviluppa. Jekk individwu jitlob formalment lill-Awtorita' biex tfassal policies li jiddestinaw zvilupp li jkopri l-art tieghu, huwa ovvju illi dan l-individwu qed jaghmel dan biex ikun jista' jinhariglu permess ghall-bini fuq l-istess art jew artijiet. Ma' jista' jkun hemm qatt dubju illi fil-fatt individwu li jitlob formalment lill-Awtoritajiet biex jiddestinaw zvilupp li jkopri l-art tieghu, jkun fil-fatt qed jitlob illi fuq dik l-art jinhargu l-permess ta' l-izvilupp kif mehtieg bil-ligi.

Illi t-talba li ghamel l-esponent ma kienetx xi wahda vessatorja, izda kienet wahda regolari u komuni in segwitu ghal stedina mahruga mill-awtoritajiet biex sidien jipproponulhom policies ta' zvilupp biex ikunu akkordati fi pjan ta' struttura. Ovvjament li kieku din intlaqghet kieku sallum ir-rikorrent zviluppa din l-art bil-bini ta' benefikati edilizji. Izda biex jibni ghandu bzonn il-permessi. Dan ifisser li bit-talba tieghu l-applikant kien qieghed jitlob il-bazi li fuqha huwa setgha jottjeni l-permess.

**Illi kif gia' inghad kemm il-darba, eccezzjonijiet rigwardanti kompetenza gew kollha irtirati f'dan ir-rikors, u bir-ragun, ghax fi kwalunkwe kaz kien qed jirrizulta li kull parti fil-kawza li *ratione materiae* dan l-Onorabbli Tribunal kellu l-kompetenza jiddeciedi fuq l-ilment tar-rikorrent.**

**C.** Illi fit-tielet lok u bla ebda pregudizzju ghal dak kollu gia' sottomess, ghal kull buon fini jinghad li anke kieku dan l-Onorabbli Tribunal iddecieda li ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u illibera lill-intimati mill-

oservanza tal-gudizzju a bazi ta’ dak li qal it-Tribunal fil-paragrafu penultimu tas-sentenza, u cioe’ li “**It-talbiet tar-rikorrent huma vagi b’mod li lanqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Certament ilment ta’ din in-natura mhux ta’ kompetenza tat-Tribunal,”** tali decizzjoni drastika ma kenitx tohrog minn inkompetenza *ratioe materiae* izda minn nullita’ tar-rikors. Issa anke kieku dan kien kaz ta’ nullita’, li ma kienx, it-terminazzjoni tal-procedura kollha tikkostitwixxi zewg applikazzjonijiet hziena tal-ligi.

(i) L-ewwel applikazzjoni hazina tohrog mill-fatt li r-rikors seta’ jkun null kieku l-fatt li l-esponent ma semmiex applikazzjoni partikolari kien jirrendi r-rikors kompletament null ai termini ta’ l-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Wiehed forsi jkollu jezamina jekk tali ‘nuqqas’ jaqax taht subinciz (1)(d) li jghid ‘**jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita’ essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.**’ Wiehed ghalhekk ikollu jezamina jekk dak li qed jissejjah ‘nuqqas’ jiksirx xi diposizzjoni ta’ artikolu 7 ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 imsemmi li jghid li:-
**(1) L-Ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta’ rikors sostanzjalment fl-ghamla stabbilita fit-tieni skeda li tinsab ma’ dan l-Att.**
**(2) Ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes u ghandu jkun imsieheb b’elenku tax-xhieda.......**

Illi t-tieni skeda abbinata ma dan l-artikolu 7 tispecifika kif ghandu jsir ir-rikors u titlob li l-fatti tal-kaz jinghataw **fil-qosor. Imkien ma jissemma li f’kaz ta’ permessi ghandu jinghata dettall ta’ l-applikazzjoni li tkun saret:** in-nullita’ hija mizura estrema u ma tistax tinghata b’mod laxk. Il-principju fondamentali mhaddan minn hafna sistemi legali inkluza taghna hu li sakemm ikun possibli l-atti ghandhom jigu salvati, u dwar dan wiehed jista’ ma jispicca qatt jikkwota gurisprudenza ta’ diversi Qrati Maltin.

Illi hawnhekk qed tintalab ritrattazzjoni ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m’applikax id-dispozizzjonijiet tal-ligi li kienu applikabbli ghall-kaz odjern:-

L-ewwel u qabel kollox kellu jigi applikat il-principju li sa fejn hu possibli, l-atti tal-Qorti jigu salvati, u ghalhekk dan it-Tribunal kellu jara jekk l-atti prezentati setghux jigu salvati u f'kaz li jezisti rimedju dan kellu jigi applikat; dan principalment johrog mill-provizo ta' l-Artikolu 789 subinciz (1) li jghid li "**l-eccezzjoni tan-nullita' kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi**";
U fit-tieni lok it-Tribunal kellu ghad-dispozizzjoni tieghu kull rimedju li tipprovdi l-ligi tal-procedura bl-applikazzjoni ta' artikolu 15 ta' dan l-att li jghid li "Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u l-procedura quddiem il-Qorti Civili ghandhom ikunu japlikaw *mutatis mutandis* ghal kull prattika u procedura quddiem it-Tribunal," u ghalhekk setgha jirrikorri ghall-artikolu 175 ta' Kap 12 fejn bl-applikazzjoni tieghu dan it-Tribunal kellu l-fakulta' li jordna li "jissewwa kull zball iehor billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."

Illi ghalhekk, jekk dan it-Tribunal deherlu li r-rikors promotorju kien vag wisq, l-applikazzjoni korretta tas-sucitati dispozizzjonijiet tal-ligi kienet tkun li r-rikorrent jigi ordnat jaghmel nota spjegattiva li fiha jiddahhlu dawk il-hwejjeg ta' fatt li dan it-Tribunal joghgbu jitlob min ghand ir-rikorrent.

Illi l-ligi ta' l-1997 tghid li dan l-Onorabbli Tribunal ikollu kompetenza jiggudika lmenti dwar ingustizzji kawzati "**b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar ..... licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi**". L-Att innifsu huwa vag biex jippermetti gurisdizzjoni wiesgha f'din il-materja. **Imkien ma l-ligi tesigi illi jkun sar jew saret applikazzjoni attwali ghal permessi tal-bini, imma indipendentament jekk din tkunx saret jew le, hu importanti li wiehed**

**jara jekk ir-rikorrent fil-fatt ikunx gie mcahhad minn permessi tal-bini jew mill-possibilita' ta' l-istess permessi tal-bini meta mqabbel ma' terzi.**

(ii) Illi finalment it-tieni applikazzjoni hazina tal-ligi rigwardanti n-nullita' tal-procedura tinkwadra fil-fatt li l-ilment ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigwardanti n-nuqqas ta' l-esponent li jispecifika applikazzjoni partikolari f'wahda mit-talbiet tieghu, se mai kienet iggib in-nullita' ta' dik it-talba u mhux in-nullita' tar-rikors kollu. Naturalment dan dejjem qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li qatt ma ntalbet dikjarazzjoni ta' nullita' espressament.

Ghaldaqstant filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tar-rikors 1031/97, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jannulla d-decizjoni moghtija minn dan l-istess Tribunal fil-31 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet premessi u a tenur ta' artikolu 820 ta' Kap 12 jghaddi biex jitratta l-kaz fuq il-meritu."

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li tghid hekk:-

"Tesponi bir-rispett:

Illi fl-ewwel lok ma tezisti ebda procedura ta' ritrattazzjoni kif gie deciz minn dan it-Tribunal presjedut mill-Onor. Imhallef Filletti fit-28 ta' Jannar, 2000;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li r-ritrattazzjoni qed issir a bazi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess ritrattazzjoni hi nvalida stante li din qed issir minn interpretazzjoni tal-ligi saret mill-istess Qorti;

Illi del resto dwar it-tlett aggravji tar-ritrattant, dwar l-ewwel innumerat A, mkien fid-decizjoni ma l-Qorti ddecediet l-kwistjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni (li l-anqas biss ma nghatat mill-Awtorita' intimata) IZDA biss fuq il-kaz li ma gietx specifikata ghal liema lment l-istess rikorrent kien qed jitlob rimedju ghalih;

Ghar-rigward l-aggravju B, dan ma jinkwadrax fl-applikazzjoni hazina tal-ligi - li qed jigi argumentat hu biss kontra l-interpretazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal, li ddecidiet li l-istess rikorrent ma kienx qed jispecifika l-ingustizzja li sofra u fejn sofrieha. Iktar u iktar meta wiehed jikkonstata li fuq l-artijiet kollha li l-istess rikorrent kellu rifjut tal-ex- PAPB, fetah kawzi quddiem l-istess Tribunal;

Ghar-rigward l-aggravju C, l-anqas biss ma hi applikazzjoni hazina tal-ligi stante li t-Tribunal ikkonkluda li r-rikors kif sar ma jispecifikax l-ilmenti u tfisser ghaldaqstant li t-Tribunal ma hiex kompetenti tiddeciedi xi haga fl-estratt;

Wiehed jara fil-fatt il-vessatorjeta' tar-rikors promotorju meta mqabbel ma' tnejn ohra decizzjonijiet li gew decizi fuq l-istess eccezzjoni bejn l-istess partijiet (u li wiehed issa saritlu ukoll ritrattazzjoni) u cjoe' rikorsi 1032/97 (ritrattazzjoni 1264/01 VCC) u 1099/97 ilkoll tal-31 ta' Jannar, 2001, li fihom qed jintalbu l-istess rimedji u l-istess aggravji generali;

Ghaldaqstant l-istess intimat waqt li taghmel referenza ghall-provi kollha sottomessi u ghal dawk il-provi l-ohra ammissibbli skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra r-ritrattant rikorrent."

Ra r-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ta' l-Ambjent li tghid hekk:

"Jecepixxi bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament in-nullita tal-azzjoni stante illi procedura simili hija prosegwibbli biss b'citazzjoni u mhux b'rikors (Art 815 tal-Kap 12).

2. Illi fit-tieni lok l-azzjoni fil-konfront tal-esponenti hija wkoll nulla a tenur tal-Art 460 tal-Kap 12 stante li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest.

3. Illi fit-tielet lok ma jirrizultawx l-kweziti tal-Art 811.e tal-Kap 12. Oltre dan, minkejja r-rikors volumunuz, l-fatti li tassew gew stabbiliti fis-sentenza attakkata huma skond il-ligi u dan apparti illi minn imkien fl-atti ma jirrizulta li r-rikorrent talab korrezzjoni jew li jaghmel nota spjegattiva kif jsemmi fir-rikors odjern.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Ra d-decizzjoni tieghu tal-31 ta' Lulju 2001 li biha cahad tliet eccezzjonijiet, jigifieri (i) li ma tezisti ebda procedura ta' ritrattazzjoni fuq id-decizzjoni tal-31 ta' Jannar 2001 moghtija minn dan it-Tribunal fir-rikors numru 1031/97 FS fl-ismijiet premessi; (ii) in-nullita' ta' l-azzjoni odjerna stante li procedura simili hija prosegwibbli biss b'citazzjoni u mhux b'rikors, u (iii) l-azzjoni fil-konfront ta' l-intimati l-Prim Ministru u l-Ministru ta' l-Ambjent hija wkoll nulla a tenur ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet stante li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest.

Ra l-atti l-ohrajn komprizi dawk tar-rikors fuq imsemmi numru 1031/97 FS fl-istess ismijiet premessi deciz minn dan it-Tribunal fil-31 ta' Jannar 2001.

Trattat ir-rikors fil-meritu tieghu, jikkonsidra illi:-

1. It-talba tar-rikorrent ghar-ritrattazzjoni tar-rikors originali tieghu hija bazata fuq il-motiv li d-decizjoni msemmija tal-31 ta' Jannar 2001 applikat il-ligi hazin. Dan il-motiv huwa kontemplat fl-artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet, li jiddisponi li: "Kawza deciza b'sentenza .... tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata ...... ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: .... jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti espressament tat decizjoni."

2. Fir-rikors tieghu ir-rikorrent ighid illi din l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi avverat ruhha fi tliet istanzi

fid-decizzjoni in kwistjoni. Fl-ewwel lok, kif jissottometti r-rikorrent fil-paragrafu A tar-rikors tieghu, f'dik id-decizzjoni t-Tribunal ghadda biex jiddecidi fuq il-gurisdizzjoni o meno ta' l-istess Tribunal meta d-decizzjoni kellha tinghata biss fuq il-punt preliminari li r-rikorrent ma indikax (fir-rikors originali tieghu) permess partikolari f'wahda mit-tliet talbiet tieghu, u meta l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni kienet giet irtirata mill-intimati kollha.

3. Mill-atti tar-rikors originali (numru 1031/97) jirrizulta li fil-kors tat-trattazzjoni ta' dak ir-rikors l-intimati ghamlu riferenza ghal "eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal kif tidher dettaljatament spjegata fil-5 paragrafu a fol 12 tal-process 1028/97 a bazi ta' l-artikolu (sic, recte Att) 1 ta' l-1992 li tistabilixxi kif wiehed jista' japplika quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghal permessi." (ara l-verbal tal-11 ta' Jannar 2000 a fol 9 ta' dawk l-atti). Sussegwentament, b'zewg noti prezentati fis-17 u d-19 ta' Jannar 2000 fl-istess atti (a fol 11 u 12) l-intimati rtiraw dik l-eccezzjoni billi, kif qalu, ma kienitx tapplika fil-proceduri originali. Fin-nota taghha (fol 12) l-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar, iddikjarat li fil-waqt li ma kienitx tinsisti fuq l-eccezzjoni msemmija dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal, kienet qeghda zzomm fermi l-eccezzjonijiet preliminari taghha. Dawn l-eccezzjonijiet preliminari kienu ovvjament jikkomprendu dik "indikata fir-raba' paragrafu u cioe' li r-rikorrent ma specifikax ghal liema permess qed jirreferi." Din l-eccezzjoni gie ribadita minn Dr Micallef ghall-Awtorita' ta' l-Ippjanar fil-verbal tat-30 ta' Mejju 2000 (fol 13), u bl-istess verbal ir-rikors gie differit ghad-decizjoni precizament fuq dik l-eccezzjoni.

4. Fid-decizjoni impunjata, tal-31 ta' Jannar 2000, it-Tribunal jibda l-konsiderazzjonijiet tieghu billi jghid illi "din id-decizjoni hi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-raba' paragrafu ghax ir-rikorrent ma specifikax ghal liema permess qieghed jirreferi. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal trid tohrog mill-artikolu 6(1) u f'dan il-kaz sub-artikolu (d) li jitkellem dwar permessi mehtiega bil-ligi." (fol 7 tad-decizzjoni). Minn dan il-bran jidher car li t-Tribunal ma kienx se jiddecidi fuq l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-

intimati fil-11 ta’ Jannar 2000. Din l-eccezzjoni, li sussegwentament giet ritirata, kienet tirrigwarda l-mod ta’ l-applikazzjoni ghall-permessi quddiem l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar. (ara paragrafu precedenti). Ovvjament l-eccezzjoni fir-raba’ paragrafu tar-risposta tal-Awtorita ta’ l-Ippjanar, rigwardanti l-allegat nuqqas ta’ l-ispecifikar tal-permess relattiv, ikkonduciet lit-Tribunal biex fid-decizjoni tieghi in kwistjoni jindaga dwar “il-gurisdizzjoni tat-Tribunal li trid tohrog mill-artikolu 6(1)”. Din il-gurisdizzjoni, diversament ghal dik oggett ta’ l-eccezzjoni sollevata fil-11 ta’ Jannar 2000, tekwivali ghas-setgha moghtija lit-Tribunal li jisma’ u jaqta’ dwar ilmenti tan-natura indikata fl-artikolu 6(1) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

5. Fid-decizjoni attakkata t-Tribunal iddikjara li: “Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal trid tohrog mill-artikolu 6(1) u f’dan il-kaz sub-artikolu (d) li jikellem dwar il-premessi mehtiega bil-ligi. Skond l-artikolu 7 ta’ l-Att VIII ta’ 1997 ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes ...... It-Tribunal ihoss li l-iskop ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 ma kienx li jitkellem dwar ilmenti b’mod generali izda b’mod specifiku u dirett ...... Mil-lokuzjoni uzata mil-ligi hu car li l-ilment irid ikun jirreferi ghal xi ingustizzja specifika minn xi persuna li ghaliha japplika l-Att dwar xi wiehed mill-aspetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) li f’dan il-kaz jirreferi ghal permessi mehtiega.” (fol 7, 8 tad-decizjoni).

6. F’din is-silta hawn fuq citata mid-decizjoni attakkata, it-Tribunal qieghed jinterpreta l-ligi fis-sens li l-ilmenti mressqa quddiemu ghandhom jigu ndikati specifikament u mhux b’mod generali. In segwitu fl-istess decizjoni t-Tribunal jikkonstata l-fatt li “...... jirrizulta car li r-rikorrent qieghed jitlob awtorizzazzjoni generali ghal hrug ta’ permessi fuq l-artijiet kollha tieghu tant li fil-fatt dawn l-anqas biss gew specifikament indikati - u dan meta l-anqas biss kien hemm applikazzjoni u nuqqas ta’ hrug ta’ permess. It-talbiet tar-rikorrent huma vagi b’mod li l-anqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Certament ilment ta’ din in-natura mhux ta’ kompetenza tat-Tribunal.”

7. Il-kwistjoni involuta hija kjarament wahda ta' interpretazzjoni tal-ligi. B'hekk, a tenur ta' l-artikolu 811 (e) Kap 12 fuq citat, m'hemmx dritt ta' ritrattazzjoni fuq il-motiv relattiv.

8. Ir-rikorrent jisottometti fit-tieni lok, fil-paragrafu B tar-rikors, li "fir-rigward tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal jigi sottomess li din hija radikata fuq l-artikolu 6 subinciz (1)(d) ta' l-Att VIII ta' l-1997 ......... eccezzjonijiet rigwardanti kompetenza gew kollha rtirati f'dan ir-rikors, u bir-ragun, ghax fi kwalunkwe kaz kien qed jirrizulta lil kull parti fil-kawza li *ratione materiae* dan it-Tribunal kellu l-kompetenza jiddeciedi fuq l-ilment tar-rikorrent."

9. Kwantu ghal din is-sottimissjoni, jigi notat li fid-decizjoni impunjata t-Tribunal ikkonkluda billi laqa' "l-eccezzjoni ta' l-intimati li l-ilment jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*." F'dan ir-rigward jigi rilevat l-ewwel nett li din l-eccezzjoni li laqa' t-Tribunal mhijiex dik li kienet giet sollevata mill-intimati fil-kors tat-trattazzjoni u in segwitu ritirata. Dan ga ntqal fil-paragrafu 4 hawn fuq. It-tieni, il-"kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*" mhijiex il-gurisdizzjoni oggett ta' dik l-eccezzjoni sollevata u mbaghad ritirata, u dan kif intqal ukoll fil-paragrafu 4 hawn fuq. It-tielet, bil-frazi "kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*" fil-kontest tad-decide, wiehed ovvjament ghandu jifhem is-setgha tat-Tribunal li jisma' u jiddecidi lmenti tan-natura ta' dawk elenkati fl-artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' l-1997. Jigifieri t-Tribunal, fid-decizjoni originali, interpreta l-ligi, applikaha ghall-fatti u kkonkluda li ma kellux mil-ligi is-setgha li jisma' u jiddeciedi l-ilment kif redatt mir-rikorrent.

10. Ir-rikorrent, fit-tielet u l-ahhar lok, taht l-ittra C fir-rikors tieghu, jissottometti fis-sens segwenti. Fid-decizjoni mpunjata t-Tribunal jikkomenta li "It-talbiet tar-rikorrent huma vagi b'mod li l-anqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Certament ilment ta' din in-natura mhux ta' kompetenza tat-Tribunal." Ir-rikorrent jissottometti li dan in-nuqqas kellu jgib mhux l-inkompetenza *ratione materiae,* izda, jekk qatt, in-nullita' tar-rikors. F'dan il-kaz, ikompli jissottometti r-rikorrent, l-

ewwel nett din in-nullita’ kellha talvolta tolqot talba wahda fir-rikors u mhux it-talbiet kollha, it-tieni it-Tribunal applika l-ligi erroneament billi kien messu jsalva l-validita’ tar-rikors a tenur tad-dispozizzjonijiet fl-artikolu 798 jew fl-artikolu 175 tal-Kap 12.

11. Kwantu ghal din is-sottomissjoni tar-rikorrent, jigi osservat li fid-decizjoni impunjata t-Tribunal laqa’ “l-eccezzjoni ta’ l-intimati....” Din l-eccezzjoni hija dik fir-raba’ paragrafu tar-risposta ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, jigifieri li “l-ewwel talba tar-rikorrent ma specifikatx ghal liema permess qed jirreferi...” F’din l-eccezzjoni ma ssemmiet ebda nullita’ tar-rikors jew ta’ xi wahda mit-talbiet fih. It-Tribunal evidentament ma kkonsidrax li l-mod generiku li bih gie mressaq l-ilment igib in-nullita’ tar-rikors jew ta’ xi talba, izda kkonsidra li l-ilment, bil-mod generali kif imressaq, igib in-nuqqas ta’ kompetenza tat-Tribunal li jisimghu u jiddecidih. Tali konsiderazzjoni ma tikkostitwix applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Effettivament ma hemm xejn x’jindika li r-rikorrent fil-fatt ghamel lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar xi applikazzjoni li giet ingustament michuda, b’mod li ghalhekk ma deherx li hemm lok ghall-korrezzjoni fir-rikors originali.

Ghall-motivi premessi jichad it-talbiet, bl-ispejjez, hlief dawk ga decizi, ghar-rikorrent.

-------------------------------TMIEM-------------------------------